

## I

(Atti leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) 2019/2144 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Novembru 2019

dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ġodda kollha, bil-għan li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, u li jiġi ffaċilitat livell għoli ta' sikurezza u ta' prestazzjoni ambjentali.
- (2) Dan ir-Regolament huwa att regolatorju għall-finijiet tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/858. Għalhekk, l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 għandu jiġi emendat kif xieraq. Id-dispożizzjonijiet amministrattivi tar-Regolament (UE) 2018/858, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar miżuri korrettivi u penali, huma applikabbli b'mod sħiħ għal dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> ĠU C 440, 6.12.2018, p. 90.

<sup>(2)</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2019. (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

- (3) Tul l-aħħar għexieren ta' snin, l-iżviluppi fis-sikurezza tal-vetturi kkontribwew ferm lejn it-tnaqqis ġenerali fl-għadd ta' fatalitajiet u korrimenti serji fit-toroq. Madankollu, mienu 25 300 persuna fl-2017 fit-toroq tal-Unjoni, ċifra li baqgħet kostanti fl-aħħar erba' snin. Barra minn hekk, kull sena 135 000 persuna jindarbu serjament f'ħabtiet (\*). L-Unjoni għandha tagħmel hilita biex tnaqqas jew telimina l-aċċidenti u l-korrimenti fit-trasport bit-triq. Minbarra l-miżuri ta' sikurezza biex jiġu protetti l-okkupanti tal-vetturi, jeħtieġ li jiġu implimentati miżuri speċifiċi biex jiġu evitati l-fatalitajiet u l-korrimenti tal-utenti vulnerabbli tat-triq, fosthom iċ-ċiklisti u l-persuni bil-mixi, bil-għan li jiġu protetti l-utenti tat-triq li jkunu jinsabu barra mill-vettura. Mingħajr inizjattivi ġodda fuq is-sikurezza ġenerali fit-toroq, l-effetti tal-istrateġija attwali ma jkunux jistgħu jlaħħqu mal-effetti tal-volumi dejjem jikbru tat-traffiku. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi tkompli tittejjeb bħala parti minn approċċ integrat għas-sikurezza fit-toroq, kif ukoll sabiex jitħarsu aħjar l-utenti vulnerabbli tat-triq.
- (4) Id-dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni tat-tip jenħtieġ li jiżguraw li l-livelli ta' prestazzjoni tal-vetturi bil-mutur jiġu vvalutati b'mod ripetut u riproduciabbli. Għalhekk, ir-rekwiżiti tekniċi f'dan ir-Regolament jirreferu biss għal persuni bil-mixi u ċ-ċiklisti peress li bħalissa jeżistu biss dawn fil-preżent bħala suġġetti ta' ttestjar armonizzati b'mod formali. Minbarra l-persuni bil-mixi u ċ-ċiklisti, l-utenti vulnerabbli tat-triq, b'mod ġenerali, jinkludu wkoll lil utenti oħra tat-triq b'vetturi mingħajr mutur u bil-mutur li jistgħu jużaw soluzzjonijiet ta' mobbiltà personali, mingħajr karrozzija protettiva. Barra minn hekk, it-teknoloġija attwali toħloq stennija raġonevoli li sistemi avvanzati se jirreaġixxu wkoll għal utenti vulnerabbli oħra tat-triq f'kundizzjonijiet normali tas-sewqan, minkejja li ma jkunux ġew ittestjati speċifikament. Ir-rekwiżiti tekniċi f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu adattati aktar għall-progress tekniku wara proċess ta' valutazzjoni u rieżami sabiex ikopru lill-utenti kollha tat-triq li jużaw soluzzjonijiet ta' mobbiltà personali li m'għandhomx karrozzija protettiva, bħal scooters, vetturi awtoekwilibrati u siġġijiet tar-roti.
- (5) Il-progress tekniku fil-qasam tas-sistemi tas-sikurezza avvanzata tal-vetturi joffri possibbiltajiet ġodda biex jitnaqqas in-numru tal-vittmi. Biex jitnaqqas kemm jista' jkun l-għadd ta' korrimenti u fatalitajiet severi, jeħtieġ li jiddaħħal sett ta' teknoloġiji ġodda.
- (6) Fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*), il-Kummissjoni studjat il-vijabbiltà tat-twessigħ tar-rekwiżit eżistenti f'dak ir-Regolament li jiġu installati ċerti sistemi (eż. sistemi avvanzati ta' bbrejkjar ta' emerġenza u sistemi għall-monitoraġġ tal-pessjoni tat-tajers) f'ċerti kategoriji ta' vettura, sabiex jiġi applikat lill-kategoriji kollha ta' vetturi. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-vijabbiltà teknika u ekonomika ta' rekwiżit ġdid biex jiġu installati karatteristiċi oħra tas-sikurezza avvanzata, kif ukoll il-maturità tas-suq fir-rigward tagħhom. Abbażi ta' dawk il-valutazzjonijiet, il-Kummissjoni ppubblikat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2016, bit-titlu "Insalvaw il-ħajjiet: Insaħħu s-Sikurezza tal-Karozzi fl-UE". Id-Dokument ta' Hídma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dak ir-rapport identifika u ppropoza 19-il miżura regolatorja potenzjali li kapaċi jkunu effettivi biex ikompli jonqos l-għadd ta' aċċidenti, fatalitajiet u korrimenti fit-toroq.
- (7) Biex tkun żgurata n-newtralità teknoloġika, ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni, jenħtieġ li jippermettu kemm sistemi ta' monitoraġġ tal-pessjoni diretta kif ukoll dik indiretta tal-pessjoni tat-tajers.
- (8) Sistemi avvanzati tal-vetturi jistgħu jkunu aktar effettivi biex inaqqsu l-fatalitajiet, inaqqsu l-għadd ta' aċċidenti fit-toroq u jnaqqsu l-korrimenti u l-ħsarat jekk jiffasslu b'tali mod li jkunu konvenjenti għall-utenti. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi jenħtieġ li jagħmlu hilitom biex jiżguraw li s-sistemi u l-karatteristiċi previsti f'dan ir-Regolament jiġu żviluppatti b'tali mod li jappoġġjaw lis-sewwieq. Il-funzjonament ta' dawk is-sistemi u l-karatteristiċi u l-limitazzjonijiet tagħhom jenħtieġ li jiġu spjegati b'mod ċar u faċli għall-konsumaturi fl-istruzzjonijiet tal-utenti fir-rigward tal-vetturi bil-mutur.
- (9) Il-karatteristiċi tas-sikurezza u t-twissijiet użati biex jassistu lis-sewqan jenħtieġ li jiġu pperċepiti faċilment minn kull sewwieq, inklużi l-persuni anzjani u b'diżabbiltà.
- (10) Is-sistemi avvanzati ta' bbrejkjar ta' emerġenza, l-assistenza intelliġenti tal-veloċità, is-sistemi ta' emerġenza kontra l-ħruġ mill-karreġġata, is-sistemi tat-twissija tal-heda u tal-attenzjoni tas-sewwieq, is-sistemi tat-twissija avvanzata tad-distrazzjoni tas-sewwieq u ta' detezzjoni tal-irriviersjar huma sistemi ta' sikurezza li għandhom potenzjal għoli biex inaqqsu b'mod konsiderevoli l-għadd ta' vittmi. Barra minn hekk, uħud minn dawk is-sistemi ta' sikurezza jiffurmaw il-bażi ta' teknoloġiji li se jintużaw ukoll fl-implimentazzjoni tal-vetturi awtomatizzati. Kwalunkwe sistema ta' sikurezza bħal din jenħtieġ li tiffunzjona mingħajr l-użu ta' ebda tip ta' informazzjoni bijometrika tas-sewwieq jew il-passiġġieri, inklużi ir-rikonoxximent tal-wiċċ. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni regoli u proċeduri tal-ittestjar armonizzati għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi fir-rigward ta' tali sistemi,

(\*) [https://ec.europa.eu/transport/road\\_safety/sites/roadsafety/files/vademecum\\_2018.pdf](https://ec.europa.eu/transport/road_safety/sites/roadsafety/files/vademecum_2018.pdf)

(\*) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1).

kif ukoll għall-approvazzjoni tat-tip ta' tali sistemi bħala unitajiet tekniċi separati. Il-progress teknoloġiku ta' dawk is-sistemi jenħtieġ li jitqies f'kull evalwazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti, sabiex jibqgħu validi fil-futur, filwaqt li jaderixxu b'mod strett mal-prinċipji ta' privatezza u l-protezzjoni tad-data, u jnaqqsu jew jeliminaw l-aċċidenti u l-korrimenti fit-trasport bit-triq. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat ukoll li dawk is-sistemi jistgħu jintużaw b'mod sikur matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-vetturi.

- (11) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-assistenza intelliġenti tal-veloċità tintefa, pereżempju, meta sewwieq jesperjenza twissijiet foloz jew rispons mhux xieraq b'riżultat ta' kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, marki tat-toroq kunfliġġenti temporanji fiż-żoni ta' kostruzzjoni, jew sinjali tat-toroq li jiżgwidaw, difettużi jew neqsin. Din il-funzjoni ta' diżattivazzjoni jenħtieġ li tkun taħt il-kontroll tas-sewwieq. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-assistenza intelliġenti tal-veloċità tintefa għat-tul tal-ħin neċessarju u tkun tista' tinxtegħel lura faċilment mis-sewwieq. Meta s-sistema tkun mitfija, tista' tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-limitu tal-veloċità. Is-sistema jenħtieġ li dejjem tkun attiva meta jinxtegħel l-ignixin u s-sewwieq jenħtieġ li dejjem ikun konxju dwar jekk is-sistema hix mixgħula jew le.
- (12) Huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li ċ-ċinturini tas-sikurezza huma wieħed mill-aktar karatteristiċi importanti u effettivi tas-sikurezza tal-vetturi. Is-sistemi ta' tfakkira għall-qfil taċ-ċinturin tas-sikurezza għandhom għalhekk il-potenzjal li jipprevjenu aktar fatalitajiet jew inaqqsu l-korrimenti billi jżidu r-rati ta' kemm jintlibes iċ-ċinturin tas-sikurezza madwar l-Unjoni. Għal dik ir-raġuni, taħt ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 is-sistema ta' tfakkira għall-qfil taċ-ċinturin tas-sikurezza għet obbligatorja għas-sit tas-sewwieq fil-karozzi tal-passiġġieri ġodda kollha mill-2014 b'implimentazzjoni tar-Regolament Nru 16 tan-Nazzjonijiet Uniti li stabbilixxa d-dispożizzjonijiet tekniċi rilevanti. B'riżultat tal-emendar ta' dak ir-Regolament tan-NU sabiex jittieħed kont tal-progress tekniku, huwa obbligatorju li s-seats kollha ta' quddiem u ta' wara ta' vetturi  $M_1$  u  $N_1$ , kif ukoll is-seats ta' quddiem ta' vetturi  $N_2$ ,  $N_3$ ,  $M_2$  u  $M_3$ , jiġu armati b'sistemi ta' tfakkira għall-qfil taċ-ċinturin tas-sikurezza mill-1 ta' Settembru 2019 għat-tipi ġodda ta' vetturi bil-mutur u mill-1 ta' Settembru 2021 għall-vetturi bil-mutur ġodda kollha.
- (13) L-introduzzjoni ta' reġistraturi tad-data f'każ ta' avveniment li jaħżnu firxa ta' data essenzjali anonimizzata dwar il-vettura, akkumpanjati minn rekwiżiti għal firxa ta' data, preċiżjoni, riżoluzzjoni u għall-ġbir, il-ħażna u l-irkupru tagħha, għal perijodu ta' żmien qasir qabel, matul u immedjatament wara ħabta (eż. li jirriżulta mill-użu ta' airbag), hija pass siewi fil-kisba ta' data aktar preċiża u approfondita dwar l-aċċidenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkun hemm ir-rekwiżit li l-vetturi bil-mutur kollha jkunu mgħammra b'tali reġistraturi. Dawk ir-reġistraturi jenħtieġ li jkunu kapaċi jirreġistraw u jaħżnu data b'tali mod li d-data tkun tista' tintuża biss mill-Istati Membri biex iwettqu analiżi tas-sikurezza tat-toroq u jevalwaw l-effettività tal-miżuri speċifiċi li jkunu tieħdu mingħajr il-possibbiltà li jidentifikaw is-sid jew id-detentur ta' vettura partikolari abbażi tad-data maħżuna.
- (14) Kwalunkwe pproċessar ta' data personali, bħal informazzjoni dwar is-sewwieq ipproċessata f'reġistraturi tad-data f'każ ta' avveniment jew informazzjoni dwar il-ħedla u l-attenzjoni tas-sewwieq jew fir-rikonoxximent tad-distrazzjoni tas-sewwieq, jenħtieġ li jsir skont il-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(6)</sup>. Ir-reġistraturi tad-data tal-avvenimenti jenħtieġ li joperaw fuq sistema ta' ċirkwit magħluq, fejn id-data maħżuna jerġa' jkun hemm ħżin fuqha, u li ma tippermettix li l-vettura jew id-detentur jiġu identifikati. Barra minn hekk, it-twissija tal-ħedla u tal-attenzjoni tas-sewwieq jew it-twissija avvanzata tad-distrazzjoni tas-sewwieq jenħtieġ li ma jirreġistrawx kontinwament u lanqas ma jżommu kwalunkwe data għajr dik li hija meħtieġa għall-finijiet li ġew miġbura jew ipproċessata fi ħdan is-sistema ta' ċirkwit magħluq. Apparti dan, l-ipproċessar tad-data personali miġbura permezz tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 huwa soġġett għal salvagwardji speċifiċi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(7)</sup>.
- (15) Sistemi avvanzati ta' bbrekjar ta' emerġenza jew sistemi ta' żamma ta' emerġenza jistgħu ma jkunux operattivi għal kollox f'xi każijiet, b'mod partikolari minħabba nuqqasijiet fl-infrastruttura tat-toroq. F'dawk il-każijiet, jenħtieġ li s-sistemi jiddiżattivaw huma stess u jagħtu informazzjoni dwar id-diżattivazzjoni lis-sewwieq. Jekk dawn ma jiddiżattivawx awtomatikament, f'dawk il-każijiet jenħtieġ li jkun possibbli li jintfew b'mod manwali. Tali diżattivazzjoni jenħtieġ li tkun temporanja u jenħtieġ li ddum biss għall-perijodu meta s-sistema ma tkunx qed

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

<sup>(7)</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li jikkonċerna rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-iskjerament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE, (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 77).

topera b'mod sħiħ. Is-sewwieqa jista' jkollhom bżonn jieħdu r-riedni tas-sistema avvanzata ta' bbrekjar ta' emerġenza jew tas-sistema ta' żamma ta' emerġenza fejn il-funzjonament tas-sistema jista' jwassal għal riskju jew ħsara akbar. Dan jiżgura li l-vetturi jkunu taħt il-kontroll tas-sewwieq il-ħin kollu. Madankollu tali sistemi jistgħu jirrikonoxxu wkoll każijiet fejn is-sewwieq ikun inabilitat u għalhekk ikun hemm bżonn ta' intervent mis-sistema sabiex jiġi evitat li aċċident ikun agħar milli kieku kien ikun.

- (16) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 ta' eżenzjoni lill-vannijiet, lill-vetturi utilitarji sportivi (SUVs) u lill-vetturi b'diversi skopijiet (MPVs) mir-rekwiżiti tas-sikurezza, minħabba karatteristiċi rigward l-għoli tas-seats u l-massa tal-vettura. Fid-dawl taż-żieda fir-rata tal-penetrazzjoni tas-suq ta' tali vetturi (minn 3 % biss fl-1996 sa 14 % fl-2016), u fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi fil-verifiki tas-sikurezza elettrika wara l-ħbit, dawk l-eżenzjonijiet huma skaduti u ma għadhomx iġġustifikati. Għalhekk, dawk l-eżenzjonijiet jenħtieġ li jitneħħew, u jenħtieġ li l-firxa kollha tar-rekwiżiti dwar is-sistemi tas-sikurezza avvanzata tal-vetturi tiġi applikata lil dawk il-vetturi.
- (17) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 irnexxielu jissimplifika ferm il-leġislazzjoni tal-Unjoni, billi ssostitwixxa 38 Direttiva b'Regolamenti ekwivalenti tan-NU li huma obligatorji skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE<sup>(8)</sup>. Sabiex tinkiseb aktar simplifikazzjoni, jenħtieġ li aktar regoli tal-Unjoni jiġu ssostitwiti b'Regolamenti tan-NU eżistenti li japplikaw fl-Unjoni b'mod obligatorju. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippromwovi u tappoġġa l-ħidma għaddejja fil-livell tan-NU sabiex jiġu stabbiliti, mingħajr dewmien u skont l-ogħla standards disponibbli tas-sikurezza fit-toroq, rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip tas-sistemi ta' sikurezza tal-vetturi previsti minn dan ir-Regolament.
- (18) Ir-Regolamenti tan-NU u l-emendi tagħhom, li l-Unjoni vvutat favurijhom jew li tapplikahom l-Unjoni, skont id-Deċiżjoni 97/836/KE, għandhom jiġu inkorporati fil-leġislazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda l-lista tar-Regolamenti tal-UE li japplikaw b'mod obligatorju, sabiex tiżgura li dik il-lista tinżamm aġġornata.
- (19) Ir-Regolament (KE) Nru 78/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(9)</sup> jistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tal-persuni bil-mixi, taċ-ċiklisti u ta' utenti vulnerabbli oħra tat-triq, fil-forma ta' testijiet tal-konformità u valuri limitu għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi fir-rigward tal-istruttura frontali tagħhom, u għall-approvazzjoni tat-tip tas-sistemi ta' protezzjoni frontali (eż. bullbars). Mill-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 78/2009, ir-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri tal-ittestjar għall-vetturi baqgħu jiżviluppaw fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti biex iqisu l-progress tekniku. Ir-Regolament tan-NU 127 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur fir-rigward tal-prestazzjoni tas-sikurezza tagħhom għall-persuni bil-mixi ("ir-Regolament tan-NU Nru 127") bħalissa japplika wkoll fl-Unjoni fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur.
- (20) Wara l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 79/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(10)</sup>, ir-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri tal-ittestjar għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu u tas-sistemi u l-komponenti tal-idroġenu baqgħu jiżviluppaw fil-livell tan-NU biex iqisu l-progress tekniku. Ir-Regolament tan-NU 134 dwar dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni tal-vetturi tal-mutur u l-komponenti tagħhom fir-rigward tal-prestazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu (HFCV)<sup>(11)</sup> ("ir-Regolament tan-NU Nru 134") bħalissa japplika wkoll fl-Unjoni fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip tas-sistemi tal-idroġenu fil-vetturi bil-mutur. Minbarra dawk ir-rekwiżiti, kriterji għall-kwalità tal-materjali u r-reċipjenti tal-alimentazzjoni użati fis-sistemi tal-vetturi bl-idroġenu jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni.
- (21) Għall-finijiet taċ-ċarezza, tar-razzjonalità u tas-simplifikazzjoni, jenħtieġ li r-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 jitħassru u li dan ir-Regolament jeħdilhom posthom.

<sup>(8)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu fittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

<sup>(9)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 78/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-ħarsien tal-persuni mexjin u ta' utenti vulnerabbli oħra tat-triq, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u jħassar id-Direttivi 2003/102/KE u 2005/66/KE (ĠU L 35, 4.2.2009, p. 1).

<sup>(10)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 79/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE, (ĠU L 35, 4.2.2009, p. 32).

<sup>(11)</sup> ĠU L 129, 17.5.2019, p. 43.

- (22) Storikament, ir-regoli tal-Unjoni l-limitaw it-tul ġenerali tal-kombinazzjonijiet tat-trakkijiet, u dan wassal għad-disinji tipiċi bil-kabina fuq il-magna fi sforzi biex jtkabbar kemm jista' jkun il-wisa' għall-merkanzija. Madankollu, il-pożizzjoni tas-sewwieq fil-ġholi wasslet għal żona ikbar tal-punti moħbija, kif ukoll għal inqas viżibbiltà diretta madwar il-kabina tat-trakk. Dan huwa fattur ewlieni fl-aċċidenti tat-trakkijiet li jinvolvu lil utenti vulnerabbli tat-triq. L-għadd ta' vittmi jista' jtnaqqas ferm billi tittejjeb il-viżjoni diretta. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiddaħħlu rekwiżiti biex il-viżjoni diretta tittejjeb u b'hekk tittejjeb il-viżibbiltà diretta tal-persuni bil-mixi, iċ-ċiklisti u l-utenti vulnerabbli l-oħra tat-triq mis-sit tas-sewwieq billi jtnaqqasu kemm jista' jkun il-punti moħbija fuq in-naħa ta' quddiem u mal-ġenb is-sewwieq. Jenħtieġ li jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet tal-kategoriji differenti tal-vetturi.
- (23) Il-vetturi awtomatizzati għandhom il-potenzjal li jagħtu kontribut enormi għat-tnaqqis fil-fatalitajiet fit-toroq, peress li aktar minn 90 % tal-aċċidenti tat-toroq iseħħu minħabba xi livell ta' żball uman. Ladarba l-vetturi awtomatizzati progressivament se jkunu qegħdin jieħdu l-kontroll tal-kompiti tas-sewwieq, jenħtieġ li jiġu adottati fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tan-newtralità tat-teknoloġija, u promossi fil-livell internazzjonali fil-qafas tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP.29) tan-NU/KEE, regoli armonizzati u rekwiżiti tekniċi għas-sistemi tal-vetturi awtomatizzati, inkluż dawk rigward l-assigurazzjoni ta' sikurezza verifikabbli għat-tehdid ta' deċiżjonijiet tal-vetturi awtomatizzati.
- (24) Utenti tat-triq bħal persuni bil-mixi u ċiklisti, kif ukoll sewwieqa ta' vetturi mhux awtomatizzati li ma jistgħux jirċievu informazzjoni elettronika bejn vettura u oħra dwar l-imġiba ta' vettura awtomatizzata għandhom jinżammu infurmati dwar dik l-imġiba b'mezzi konvenzjonali kif previst fir-Regolamenti tan-NU jew atti regolatorji oħrajn mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ tagħhom.
- (25) Il-platooning tal-vetturi għandu l-potenzjal li jwassal għal trasport aktar sikur, aktar nadif u aktar effiċjenti fil-ġejjieni. Bi tħejjija għall-introduzzjoni tat-teknoloġija tal-platooning u l-istandards rilevanti, se jkun hemm bżonn qafas regolatorju b'regoli u proċeduri armonizzati.
- (26) Il-konnettività u l-awtomatizzazzjoni tal-vetturi jżidu l-possibbiltà għal aċċess mhux awtorizzat u remot għal data fil-vetturi u għall-modifika illegali ta' softwer bla fili. Sabiex jitqiesu t-tali riskji, ir-Regolamenti tan-NU jew atti regolatorji oħrajn dwar iċ-ċibersigurtà jenħtieġ li jiġu applikati fuq bażi obligatorja mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ tagħhom.
- (27) Modifiki ta' softwer jistgħu jbiddu b'mod sinifikanti l-funzjonalitajiet ta' vettura. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u rekwiżiti tekniċi armonizzati għal modifiki ta' softwer f'konformità mal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk, ir-Regolamenti tan-NU jew atti regolatorji oħrajn dwar proċessi tal-aġġornament ta' softwer jenħtieġ li jiġu applikati fuq bażi obligatorja mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ tagħhom. Madankollu, dawk il-miżuri ta' sikurezza jenħtieġ li ma jikkompromettux l-obbligi tal-manifattur tal-vettura biex jipprovdi aċċess għal informazzjoni dijanjostika komprensiva u data fil-vettura rilevanti għat-tiswija u l-manutenzjoni ta' vettura.
- (28) Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tippromwovi l-iżvilupp ta' rekwiżiti tekniċi għall-istorbju tat-tajers, għar-reżistenza għad-dawrien u għall-prestazzjoni tal-aderenza tat-tajers fl-imxarrab fil-livell tan-NU. Ir-raġuni hija li r-Regolament tan-NU 117 dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-tajers rigward l-emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar u/jew l-adeżjoni fuq superfiċji mxarrbin u/jew ir-reżistenza għall-irrolljar <sup>(13)</sup> ("ir-Regolament tan-NU Nru 117") issa jinkludi dawn id-dispożizzjonijiet dettaljati. Il-proċess ta' adattament tar-rekwiżiti tat-tajers sabiex iqisu l-progress tekniku jenħtieġ li jtkompla b'mod rapidu u ambizzjuż fil-livell tan-NU, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-prestazzjoni tat-tajers tiġi vvalutata wkoll fi tmiem il-ħajja ta' tajer meta jkun eżawrit, kif ukoll biex titrawwem l-idea li t-tajers iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti matul il-ħajja kollha tagħhom u ma jinbidlux qabel il-waqt. Jenħtieġ li r-rekwiżiti eżistenti fir-Regolament (KE) Nru 661/2009 dwar il-prestazzjoni tat-tajers jiġu ssostitwiti b'Regolamenti tan-NU ekwivalenti.
- (29) Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), sabiex dan ir-Regolament jiġi ssupplimentat fir-rigward ta' rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip li jikkonċernaw sistemi ta' vetturi avvanzati u sabiex dan ir-Regolament jiġi emendat fir-rigward tal-Anness II tiegħu sabiex jitqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi regolatorji. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni ttwettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji

<sup>(13)</sup> ĠUL 218, 12.8.2016, p. 1.

stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet <sup>(13)</sup>. B'mod partikolari, sabiex tkun żgurata parteċipazzjoni ndaq fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn tal-atti delegati.

- (30) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(14)</sup>.
- (31) Fid-dawl tal-allinjar tal-leġislazzjoni tal-Unjoni li tirreferi għall-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-qafas legali mdaħħal bit-TFUE, u sabiex tkompli tiġi ssimplifikata l-leġislazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-sikurezza tal-vetturi, jenħtieġ li r-Regolamenti li ġejjin jiġihassru u li jeħdulhom posthom atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament:
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009 <sup>(15)</sup>,
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 406/2010 <sup>(16)</sup>,
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 672/2010 <sup>(17)</sup>,
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1003/2010 <sup>(18)</sup>,
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1005/2010 <sup>(19)</sup>,
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1008/2010 <sup>(20)</sup>,
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1009/2010 <sup>(21)</sup>,
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011 <sup>(22)</sup>,

<sup>(13)</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

<sup>(14)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

<sup>(15)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009 tat-22 ta' Lulju 2009 li jstabilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 78/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi tal-mutur fir-rigward tal-protezzjoni tal-persuni fit-triq u utenti vulnerabbli oħra tat-triq li temenda d-Direttiva 2007/46/KE u tirrevoka d-Direttivi 2003/102/KE u 2005/66/KE (ĠU L 195, 25.7.2009, p. 1).

<sup>(16)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 406/2010 tas-26 ta' April 2010 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 79/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu (ĠU L 122, 18.5.2010, p. 1).

<sup>(17)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 672/2010 tas-27 ta' Lulju 2010 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għal sistemi li jneħħu l-ġelu u t-tipin minn mal-windskrin ta' ċerti vetturi bil-mutur u li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 661/2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 196, 28.7.2010, p. 5).

<sup>(18)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1003/2010 tat-8 ta' Novembru 2010 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-isparju għall-immuntar u l-iffissar ta' pjanċi ta' reġistrazzjoni fuq wara fuq vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 291, 9.11.2010, p. 22).

<sup>(19)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1005/2010 tat-8 ta' Novembru 2010 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip ta' apparat għall-irmunkar tal-vetturi motorizzati u li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 291, 9.11.2010, p. 36).

<sup>(20)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1008/2010 tad-9 ta' Novembru 2010 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sistemi tal-wajper u l-washer tal-windskrin ta' ċerti vetturi bil-mutur u li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati għalihom (ĠU L 292, 10.11.2010, p. 2).

<sup>(21)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1009/2010 tad-9 ta' Novembru 2010 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-parafangi tal-vetturi bil-mutur u li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers u s-sistemi tagħhom, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal dan l-iskop (ĠU L 292, 10.11.2010, p. 21).

<sup>(22)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011 tal-11 ta' Jannar 2011 li jikkonċerna r-rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-pjanċa statutorja tal-manifattur u għan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 8, 12.1.2011, p. 1).

- ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 109/2011 <sup>(23)</sup>,
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 458/2011 <sup>(24)</sup>,
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2012 <sup>(25)</sup>,
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 130/2012 <sup>(26)</sup>,
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 347/2012 <sup>(27)</sup>,
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 351/2012 <sup>(28)</sup>,
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 <sup>(29)</sup>,
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 <sup>(30)</sup>.
- (32) Billi l-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE mogħtija skont ir-Regolament (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 jew (KE) Nru 661/2009 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħhom għandhom jittqiesu ekwivalenti għal dawk mogħtija f'konformità ma' dan ir-Regolament, sakemm ir-reqwiziti rilevanti ma jimbdlux b'dan ir-Regolament jew sakemm jiġu mmodifikati bl-atti delegati jew l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, huma meħtieġa dispożizzjonijiet tranżizzjonali sabiex jiżguraw li tali approvazzjonijiet ma jiġux invalidati.
- (33) Id-dati għaċ-ċaħda tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, għaċ-ċaħda tar-reġistrazzjoni ta' vettura jew għall-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq jew tad-dħul fis-servizz ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, jenħtieġ li jiġu stipulati għal kull oġġett regolat.
- (34) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-iżgurar tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern permezz tal-introduzzjoni ta' reqwiziti tekniċi armonizzati dwar is-sikurezza u l-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan.
- 
- <sup>(23)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 109/2011 tas-27 ta' Jannar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar reqwiziti għall-approvazzjoni tat-tip għal ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom fil-qasam tas-sistemi ta' sospensjoni tat-titjir (ĠU L 34, 9.2.2011, p. 2).
- <sup>(24)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 458/2011 tat-12 ta' Mejju 2011 li jikkonċerna r-reqwiziti għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom fir-rigward tal-installazzjoni tat-tajers tagħhom u li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar reqwiziti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers u s-sistemi tagħhom, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 124, 13.5.2011, p. 11).
- <sup>(25)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2012 tal-24 ta' Jannar 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 28, 31.1.2012, p. 24).
- <sup>(26)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 130/2012 tal-15 ta' Frar 2012 li jikkonċerna r-reqwiziti għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-aċċess u l-manuvrabbiltà tal-vettura u li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar reqwiziti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 43, 16.2.2012, p. 6).
- <sup>(27)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 347/2012 tas-16 ta' April 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reqwiziti għall-approvazzjoni tat-tip għal ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' sistemi avvanzati għal ibbrejtkjar f'emerġenza (ĠU L 109, 21.4.2012, p. 1).
- <sup>(28)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 351/2012 tat-23 ta' April 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reqwiziti għall-approvazzjoni tat-tip għall-installazzjoni ta' sistemi ta' indikazzjoni ta' ħruġ mill-karreġġata f'vetturi bil-mutur (ĠU L 110, 24.4.2012, p. 18).
- <sup>(29)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar reqwiziti għall-approvazzjoni tat-tip għall-mases u d-dimensjonijiet tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 353, 21.12.2012, p. 31).
- <sup>(30)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/166 tat-3 ta' Frar 2015 li jissupplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-inklużjoni ta' proċeduri speċifiċi, metodi ta' valutazzjoni u reqwiziti tekniċi, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 109/2011 u (UE) Nru 458/2011 (ĠU L 28, 4.2.2015, p. 3).

- (35) Jenħtieġ li rekwiżiti tekniċi ddettaljati u proċeduri tal-ittestjar adegwati, kif ukoll dispożizzjonijiet rigward il-proċeduri uniformi u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati tagħhom, jiġu stipulati f'atti delegati u f'atti ta' implimentazzjoni suffiċjentement minn qabel id-data ta' applikazzjoni tagħhom sabiex ikun hemm biżżejjed ħin biex il-manifatturi jadattaw għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u għall-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni adottati skontu. Xi vetturi jiġu prodotti fi kwantitajiet żgħar. Għalhekk, huwa xieraq li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni adottati skontu, iqisu tali vetturi jew klassijiet ta' vetturi meta tali rekwiżiti ma jkunux kompatibbli mal-użu jew mad-disinn ta' tali vetturi, jew meta l-piż addizzjonali impost minnhom ikun sproporzjonat. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

### SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJET

#### Artikolu 1

##### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti għal dawn li ġejjin:

- l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ddisinjati u mibnija għall-vetturi, fir-rigward tal-karatteristiċi u s-sikurezza ġenerali tagħhom, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni u tas-sikurezza tal-okkupanti tal-vettura u tal-utenti vulnerabbli tat-triq;
- l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi, fir-rigward ta' sistemi għall-monitoraġġ tal-pessjoni tat-tajers, rigward is-sikurezza tagħhom, l-effiċjenza fl-użu tal-karburant, u l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>; u
- l-approvazzjoni tat-tip ta' tajers maħdumin ġodda, fir-rigward tas-sikurezza u l-prestazzjoni ambjentali tagħhom.

#### Artikolu 2

##### Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għall-vetturi tal-kategoriji M, N u O, kif definiti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/858, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati ddisinjati u mibnija għal tali vetturi.

#### Artikolu 3

##### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/858.

Barra minn hekk, japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

- "utent vulnerabbli tat-triq" tfisser utenti tat-triq mingħajr mutur, b'mod partikolari, iċ-ċiklisti jew persuni bil-mixi, kif ukoll utenti ta' vetturi motorizzati b'żewġ roti;
- "sistema għal monitoraġġ tal-pessjoni tat-tajers" tfisser sistema, installata f'vettura, li tista' tivvaluta l-pessjoni tat-tajers jew il-varjazzjoni tal-pessjoni maż-żmien, u tibgħat informazzjoni korrispondenti lill-utent waqt li l-vettura tkun imqabnda;
- "assistenza intelliġenti tal-veloċità" tfisser sistema biex tgħin lis-sewwieq iżomm il-veloċità xierqa għall-ambjent tat-triq, billi tagħtih feedback dedikat u xieraq;
- "faċilitazzjoni għall-installazzjoni tat-tagħmir li jidentifika l-użu tal-alkoħol" tfisser interfaċċa standardizzata li tiffaċilita l-installazzjoni ta' tagħmir ta' wara l-bejgħ li jidentifika l-użu tal-alkoħol fil-vetturi bil-mutur;
- "twissija tal-ħedla u tal-attenzjoni tas-sewwieq" tfisser sistema li tivvaluta l-viġilanza tas-sewwieq permezz ta' analiżi tas-sistemi tal-vettura, u li twissi lis-sewwieq jekk ikun meħtieġ;



- (6) "twissija avvanzata tad-distrazzjoni tas-sewwieq" tfisser sistema li tgħin lis-sewwieq ikompli jibqa' attent għas-sitwazzjoni tat-traffiku, u li twissi lis-sewwieq meta jkun distratt;
- (7) "sinjal ta' waqfien ta' emerġenza" tfisser funzjoni ta' sinjalizzazzjoni biex tindika lill-utenti l-oħra tat-triq wara l-vettura, li qiegħda tiġi applikata forza qawwija ta' trażżin fuq il-vettura relattivament għall-kundizzjonijiet prevalenti tat-triq;
- (8) "detezzjoni tal-irriverjar" tfisser sistema biex is-sewwieq ikun konxju tan-nies u tal-oġġetti li jinsabu wara l-vettura, bl-għan ewlieni li jġi evitat il-ħbit mal-irriverjar;
- (9) "sistema ta' indikazzjoni ta' ħruġ mill-karreġġata" tfisser sistema li tavża lis-sewwieq li l-vettura tkun ħierġa 'l barra mill-karreġġata li fiha tkun qed tivvjaġġa;
- (10) "sistema avvanzata ta' bbrejkjar ta' emerġenza" tfisser sistema li tista' tidentifika awtomatikament ħabta potenzjali, u tattiva s-sistema tal-ibbrejkjar tal-vettura biex tnaqqas il-veloċità tal-vettura biex tevita jew ittaffi ħabta;
- (11) "sistema ta' emerġenza kontra l-ħruġ mill-karreġġata" tfisser sistema li tassisti lis-sewwieq f'li jżomm pożizzjoni sikura tal-vettura fir-rigward tal-konfini tal-karreġġata jew tat-triq, tal-anqas meta jsir ħruġ mill-karreġġata jew ikun appik li jsir u ħabta tista' tkun imminenti;
- (12) "swiċċ ta' kontroll prinċipali tal-vettura" tfisser it-tagħmir li permezz tiegħu s-sistema elettronika abbord il-vettura tgħaddi mill-modalità mitfija, bħal fil-każ fejn vettura tkun ipparkjata mingħajr il-preżenza tas-sewwieq, għall-modalità ta' tħaddim normali;
- (13) "reġistratur tad-data f'każ ta' avveniment" tfisser sistema bl-għan uniku li tirreġistra u taħżen parametri u informazzjoni kritiċi marbutin mal-ħbit ftit qabel, matul u immedjatament wara ħabta;
- (14) "sistema ta' protezzjoni frontali" tfisser struttura jew strutturi separata/i, bħal bullbar jew bumper supplimentari, li b'żieda mal-bumper oriġinali tal-vettura tkun maħsuba biex tippoteġi l-wiċċ estern tal-vettura mill-ħsara f'każ ta' ħabta ma' oġġett, bl-eċċezzjoni ta' strutturi li jkollhom massa ta' inqas minn 0,5 kg, maħsubin biex jiproteġu biss il-fanali tal-vettura;
- (15) "bumper" tfisser kwalunkwe struttura fuq quddiem, fin-naħa t'isfel jew fuq barra ta' vettura, inkluż tagħmir imwaħħal magħha, maħsuba biex tippoteġi lill-vettura meta tkun involuta f'ħabta frontali b'veloċità baxxa ma' vettura oħra; madankollu, ma tinkludi ebda sistema ta' protezzjoni frontali;
- (16) "vettura li taħdem bl-idroġenu" tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur li tuża l-idroġenu bħala karburant għall-propulsjoni tal-vettura;
- (17) "sistema tal-idroġenu" tfisser assemblaġġ ta' komponenti tal-idroġenu u parts ta' konnessjoni installati f'vettura li taħdem bl-idroġenu, għajr is-sistema ta' propulsjoni li taħdem bl-idroġenu jew l-unità ta' potenza awżiljarja;
- (18) "sistema ta' propulsjoni li taħdem bl-idroġenu" tfisser konvertitur tal-enerġija użat għall-propulsjoni tal-vettura;
- (19) "komponent tal-idroġenu" tfisser kontenituri tal-idroġenu u l-parts kollha l-oħra tal-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu li jkunu f'kontatt dirett mal-idroġenu jew li jiffurmaw parti minn sistema tal-idroġenu;
- (20) "kontenitur tal-idroġenu" tfisser il-komponent fi ħdan is-sistema tal-idroġenu li jaħżen il-volum ewlieni tal-karburant tal-idroġenu;
- (21) "vettura awtomatizzata" tfisser vettura bil-mutur ddisinjata u mibnija biex timxi b'mod awtonomu għal ċerti perijodi ta' żmien mingħajr superviżjoni kontinwa mis-sewwieq, iżda fejn l-intervent tas-sewwieq xorta jkun mistenni jew meħtieġ;
- (22) "vettura awtomatizzata kompletament" tfisser vettura bil-mutur li għet iddisinjata u mibnija biex timxi b'mod awtonomu mingħajr superviżjoni minn sewwieq;
- (23) "sistema ta' monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-sewwieq" tfisser sistema li tevalwa jekk is-sewwieq jinsabx f'pożizzjoni li jieħu l-kontroll tal-funzjoni tas-sewqan minn vettura awtomatizzata f'sitwazzjonijiet partikolari, fejn ikun xieraq;
- (24) "platooning tal-vetturi" tfisser il-konnessjoni ta' żewġ vetturi jew aktar f'konvoj bl-użu ta' teknoloġija tal-konnettività u sistemi ta' appoġġ għas-sewqan awtomatizzat li jippermettu lill-vetturi jżommu awtomatikament distanza mill-qrib stabbilita bejn xulxin meta jkunu konnessi għal ċerti partijiet ta' vjaġġ, u jadattaw għal bidliet fil-moviment tal-vettura fuq quddiem bi ftit jew ebda azzjoni min-naħa tas-sewwieq;
- (25) "massa massima" tfisser il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli kif iddikjarata mill-manifattur;
- (26) "pilastru-A" tfisser l-appoġġ tas-saqaf l-aktar 'il quddiem u l-aktar 'il barra, li jestendi mix-xażi sas-saqaf tal-vettura.

## KAPITOLU II

## OBBLIGI ĠENERALI TAL-MANIFATTURI

## Artikolu 4

## Obbligi ġenerali u rekwiżiti tekniċi

1. Il-manifatturi għandhom jiddemostraw li l-vetturi kollha ġodda li jitqiegħdu fis-suq, jiġi rreġistrati jew jidħlu fis-servizz, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati kollha ġodda li jitqiegħdu fis-suq jew jidħlu fis-servizz, ikunu approvati għat-tip skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni adottati skontu.
  2. L-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness I għandha titqies bħala approvazzjoni tat-tip tal-UE skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni adottati skontu.
  3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 12 biex temenda l-Anness I sabiex iqis il-progress tekniku u l-iżviluppi regolatorji billi jiddaħħlu u jiġu aġġornati referenzi għar-Regolamenti tan-NU, u s-serje ta' emendi rilevanti, li japplikaw b'mod obbligatorju.
  4. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi jiġu ddisinjati, mibnija u armati b'mod li jiġi minimizzat ir-riskju ta' korriment għall-okkupanti tal-vettura u għall-utenti vulnerabbli tat-triq.
  5. Il-manifatturi għandhom jiżguraw ukoll li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli elenkati fl-Anness II, b'effett mid-dati speċifikati fl-istess Anness bir-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri tal-ittejtjar iddettaljata stipulati fl-atti delegati u bi proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, inkluż ir-rekwiżiti marbutin ma' dawn li ġejjin:
    - (a) is-sistemi ta' trażżin, it-testijiet tal-ħbit, l-integrità tas-sistema tal-karburant, u s-sikurezza elettrika b'vultaġġ għoli;
    - (b) l-utenti vulnerabbli tat-triq, il-viżjoni u l-viżibbiltà;
    - (c) ix-xażi tal-vettura, l-ibbrejtkjar, it-tajers u l-istering;
    - (d) l-istrumenti abbord, is-sistema elettrika, id-dwal tal-vettura, u l-protezzjoni kontra l-użu mhux awtorizzat, inkluż l-attakki ċibernetiċi;
    - (e) l-imġiba tas-sewwieq u tas-sistema; u
    - (f) il-kostruzzjoni ġenerali u l-karatteristiċi tal-vettura.
  6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 12 biex temenda l-Anness II sabiex iqis il-progress tekniku u l-iżviluppi regolatorji, b'mod partikolari b'raba mal-kwistjonijiet elenkati fil-punti minn (a) sa (f) tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu kif ukoll dawk imsemmija fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 6(1), l-Artikolu 7(2), (3), (4) u (5), l-Artikolu 9(2), (3) u (5) u l-Artikolu 11(1), u bil-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza ġenerali tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati, kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u tal-utenti vulnerabbli tat-triq, billi jiġu introdotti u aġġornati referenza għar-Regolamenti tan-NU, kif ukoll għal atti delegati u atti ta' implimentazzjoni.
  7. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta dispożizzjonijiet dwar proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati fir-rigward tar-rekwiżiti elenkati fl-Anness II.
- Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(2). Għandhom jiġu ppubblikati mill-inqas 15-il xahar qabel id-dati applikabbli speċifikati fl-Anness II.

## Artikolu 5

## Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar is-sistemi għall-monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers, u dwar it-tajers

1. Il-vetturi għandhom ikunu mġhammra b'sistema preċiża għall-monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers li tkun kapaċi, f'firxa wiesgħa ta' kundizzjonijiet tat-triq u ambjentali, li tagħti twissija fil-vettura lis-sewwieq meta jsir telf ta' pressjoni f'tajer.

2. Is-sistemi għall-monitoraġġ tal-pessjoni tat-tajers għandhom ikunu ddisinjati biex jevitaw ir-riżettjar jew ir-rikalibrazzjoni meta jkun hemm pressjoni baxxa tat-tajers.
3. It-tajers kollha mqiegħda fis-suq għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza u tal-prestazzjoni ambjentali stipulati fl-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness II.
4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta dispożizzjonijiet dwar proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi:
  - (a) għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward tas-sistemi tagħhom għall-monitoraġġ tal-pessjoni tat-tajers;
  - (b) għall-approvazzjoni tat-tip ta' tajers, inkluż speċifikazzjonijiet tekniċi dwar l-installazzjoni tagħhom.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(2). Għandhom jiġu ppubblikati mill-inqas 15-il xahar qabel id-dati applikabbli speċifikati fl-Anness II.

#### Artikolu 6

#### Sistemi avvanzati tal-vetturi għall-kategoriji kollha ta' vetturi bil-mutur

1. Il-vetturi bil-mutur għandhom ikunu mġammra bis-sistemi avvanzati tal-vetturi li ġejjin:
  - (a) assistenza intelliġenti tal-veloċità;
  - (b) faċilitazzjoni għall-installazzjoni tat-tagħmir li jidentifika l-użu tal-alkoħol;
  - (c) twissija tal-ħedla u tal-attenzjoni tas-sewwieq;
  - (d) twissija avvanzata tad-distrazzjoni tas-sewwieq;
  - (e) sinjal ta' waqfien ta' emerġenza;
  - (f) detezzjoni tal-irriviersjar; u
  - (g) reġistratur tad-data f'każ ta' avveniment.
2. L-assistenza intelliġenti tal-veloċità għandha tissodisfa r-rekwiżiti minimi li ġejjin:
  - (a) għandu jkun possibbli li s-sewwieq ikun konxju permezz tal-kontroll tal-aċċelleratur, jew permezz ta' feedback dedikat u xieraq, li ntlaħaq il-limitu tal-veloċità applikabbli;
  - (b) għandu jkun possibbli li s-sistema tintefa; xorta waħda tista' tingħata informazzjoni dwar il-limitu tal-veloċità, u l-assistenza intelliġenti tal-veloċità għandha tkun f'modalità ta' tħaddim normali ma' kull attivazzjoni tas-switċ ta' kontrolli prinċipali tal-vettura;
  - (c) il-feedback dedikat u xieraq għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni dwar il-limitu tal-veloċità miksuba mill-osservazzjoni tat-tabelli u s-sinjali tat-triq, abbażi ta' sinjali tal-infrastruttura jew data ta' mappa elettronika, jew it-tnejn f'daqqa, magħmula disponibbli fil-vettura;
  - (d) ma għandhiex taffettwa l-possibbiltà li s-sewwieq jaqbuż l-veloċità tal-vettura magħżula mis-sistema;
  - (e) il-miri ta' prestazzjoni tagħha għandhom jiġu stabbiliti sabiex tiġi evitata jew minimizzata r-rata ta' żball f'kundizzjonijiet reali tas-sewqan.
3. Is-sistemi tat-twissija tal-ħedla u tad-distrazzjoni tas-sewwieq u s-sistemi avvanzati tat-twissija tad-distrazzjoni tas-sewwieq għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li dawk is-sistemi ma jirreġistrawx kontinwament jew jaħżnu data għajr dik li hija meħtieġa għall-finijiet li hi ġiet miġbura jew ipproċessata fi ħdan is-sistema ta' ċirkwit magħluq. Barra minn hekk, dik id-data m'għandha tkun aċċessibbli jew disponibbli għal parti terza fl-ebda ħin u għandha titħassar minnufih wara l-ipproċessar. Dawk is-sistemi għandhom ikunu ddisinjati wkoll biex jevitaw trikkib u ma għandhomx iġiegħlu lis-sewwieq separatament u fl-istess ħin jew b'mod konfuż fejn azzjoni waħda tiskatta ż-żewġ sistemi.
4. Ir-reġistraturi tad-data f'każ ta' avveniment għandhom jissodisfaw, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti li ġejjin:
  - (a) id-data li huma kapaċi jirreġistraw u jaħżnu dwar il-perijodu ta' ftit qabel, matul u immedjatament wara ħabta għandha tinkludi l-veloċità, l-ibbrejkar, il-pożizzjoni u l-inklinazzjoni tal-vettura fit-triq, l-istat u r-rata ta' attivazzjoni tas-sistemi kollha ta' sikurezza tagħha, is-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112, l-attivazzjoni tal-brejk u kull parametru ta' input ieħor rilevanti tas-sistemi abbord attivi ta' sikurezza u għall-evitar tal-aċċidenti, b'livell għoli ta' preċiżjoni u sopravivenza żgurata tad-data;

- (b) ma għandux ikun possibbli li jiġu diżattivati;
- (c) il-mod kif inhuma kapaċi jirreġistraw u jaħżnu d-data għandu jkun tali li:
  - (i) joperaw fuq sistema ta' ċirkwit magħluq;
  - (ii) id-data li huma jiġbru hija anonimizata u protetta kontra l-manipulazzjoni u l-użu ħażin; u
  - (iii) id-data li huma jiġbru tippermetti li jiġu identifikati t-tip, il-varjant u l-verżjoni preċiżi tal-vettura, u b'mod partikolari li jiġu identifikati s-sistemi attivi ta' sikurezza u ta' evitar ta' aċċidenti installati fuq il-vettura; u
- (d) id-data li huma kapaċi jirrekordjaw tista' ssir disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali, abbażi tad-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali, biss għall-fini tar-riċerka u l-analiżi tal-aċċidenti, inkluż għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' sistemi u komponenti u f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, fuq interfaċċa standardizzata.

5. Reġistratur tad-data f'każ ta' avveniment m'għandux ikun kapaċi jirreġistra u jaħżen l-aħħar erba' ċifri tas-sezzjoni tal-indikatur tal-vettura tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura, jew ebda informazzjoni oħra li tista' tippermetti li l-vettura individwali nfisha, sidha jew id-detentur tagħha, jiġu identifikati.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 12 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli ddettaljati dwar il-proċeduri tal-itestjar speċifiċi u r-rekwiżiti tekniċi għal dawn li ġejjin:

- (a) l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi fir-rigward tas-sistemi avvanzati tal-vetturi elenkati fil-paragrafu 1;
- (b) l-approvazzjoni tat-tip tas-sistemi avvanzati tal-vetturi elenkati fil-punti (a), (f) u (g) tal-paragrafu 1 bħala unitajiet tekniċi separati.

Dawk l-atti delegati għandhom jiġu ppubblikati mill-inqas 15-il xahar qabel id-dati applikabbli speċifikati fl-Anness II.

#### Artikolu 7

#### **Rekwiżiti speċifiċi marbutin mal-vetturi tal-passiġġieri u mal-vetturi kummerċjali ħfief**

1. Minbarra r-rekwiżiti l-oħra ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni adottati skontu li japplikaw ukoll għall-vetturi tal-kategoriji  $M_1$  u  $N_1$ , il-vetturi ta' dawk il-kategoriji għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 5 u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati msemmija fil-paragrafu 6.

2. Il-vetturi tal-kategoriji  $M_1$  u  $N_1$  għandhom ikunu mgħammra b'sistemi avvanzati ta' bbrejkjar ta' emerġenza, li jiġu installati f'żewġ fażijiet, u jipprevedu:

- (a) fl-ewwel fażi, id-detezzjoni tal-ostakli u tal-vetturi mixjin li jinsabu quddiem il-vettura bil-mutur;
- (b) fit-tieni fażi, il-kapaċità tad-detezzjoni msemmija fil-punt (a) titwessa' biex tinkludi wkoll lill-persuni bil-mixi u liċ-ċiklisti li jinsabu quddiem il-vettura bil-mutur.

3. Il-vetturi tal-kategoriji  $M_1$  u  $N_1$  għandhom ikunu mgħammra wkoll b'sistema ta' emerġenza kontra l-ħruġ mill-karreġġata.

4. B'mod partikolari, is-sistemi avvanzati ta' bbrejkjar ta' emerġenza u s-sistemi ta' emerġenza kontra l-ħruġ mill-karreġġata għandhom jissodisfaw ir-rekwiżitili ġejjin:

- (a) għandu jkun possibbli biss li tali sistemi jintfew waħda waħda permezz ta' sekwenza ta' azzjonijiet li għandhom isiru mis-sewwieq;
- (b) ma' kull attivazzjoni tal-iswiċċ ta' kontroll prinċipali tal-vettura, is-sistemi għandhom ikunu fil-modalità tat-tħaddim normali;
- (c) għandu jkun possibbli li t-twissijiet akustiċi jitwaqqfu faċilment, iżda din l-azzjoni ma għandhiex twaqqaf fl-istess ħin funzjonijiet oħrajn tas-sistema minbarra t-twissijiet akustiċi;
- (d) għandu jkun possibbli li s-sewwieq jieħu l-kontroll fuq it-tali sistemi.

5. Il-vetturi tal-kategoriji  $M_1$  u  $N_1$  għandhom ikunu ddisinjati u kostrutti biex jipprovdu żona mkabbra ta' protezzjoni f'każ ta' impatt fuq ir-ras, bil-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli tat-triq u li jittaffa l-korriment potenzjali tagħhom f'każ ta' ħabta.

6. Il-Kummissjoni għandha permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tadotta dispożizzjonijiet rigward proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi fir-rigward tar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi minn 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(2). Għandhom jiġu ppubblikati mill-inqas 15-il xahar qabel id-dati applikabbli speċifikati fl-Anness II.

#### Artikolu 8

### Sistemi ta' protezzjoni frontali għall-vetturi tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief

1. Is-sistemi ta' protezzjoni frontali, kemm jekk installati bħala tagħmir oriġinali fil-vetturi tal-kategoriji  $M_1$  u  $N_1$ , jew inkella mqiegħda fis-suq bħala unitajiet tekniċi separati għal tali vetturi, għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2 u mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.
2. Is-sistemi ta' protezzjoni frontali li jitqiegħdu fis-suq bħala unitajiet tekniċi separati għandhom ikunu akkumpanjati minn lista ddettaljata ta' tipi, varjanti u verżjonijiet ta' vetturi li għalihom is-sistema ta' protezzjoni frontali hija approvata għat-tip, kif ukoll minn struzzjonijiet ċari ta' installazzjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta dispożizzjonijiet rigward proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip tas-sistemi ta' protezzjoni frontali, inkluż speċifikazzjonijiet tekniċi dwar il-kostruzzjoni u l-installazzjoni tagħhom.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(2). Għandhom jiġu ppubblikati mill-inqas 15-il xahar qabel id-dati applikabbli speċifikati fl-Anness II.

#### Artikolu 9

### Rekwiżiti speċifiċi għax-xarabanks u għat-trakkijiet

1. Minbarra r-rekwiżiti l-oħra ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni adottati skontu li japplikaw ukoll għall-vetturi tal-kategoriji  $M_2$ ,  $M_3$ ,  $N_2$  u  $N_3$ , il-vetturi ta' daww il-kategoriji għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 5 u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 7. Il-vetturi tal-kategoriji  $M_2$  u  $M_3$  għandhom jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 6.
2. Il-vetturi tal-kategoriji  $M_2$ ,  $M_3$ ,  $N_2$  u  $N_3$  għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' twissija kontra l-ħruġ mill-karreġġata u sistema avvanzata ta' bbrejkar ta' emerġenza, li t-tnejn li huma għandhom ikunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 7.
3. Il-vetturi tal-kategoriji  $M_2$ ,  $M_3$ ,  $N_2$  u  $N_3$  għandhom ikunu mgħammra b'sistemi avvanzati li jkunu kapaċi jaqdbu l-preżenza ta' persuni bil-mixi u ċiklisti li jinsabu qrib ħafna tal-parti ta' quddiem jew tal-ġenb tal-vetturi, u dawn is-sistemi għandhom jagħtu twissija jew jevitaw il-ħbit ma' tali utenti vulnerabbli tat-triq.
4. Fir-rigward tas-sistemi msemmija fil-paragrafi 2 u 3, għandhom jissodisfaw b'mod partikolari r-rekwiżiti minimi li ġejjin:
  - (a) għandu jkun possibbli biss li s-sistemi jintfew waħda waħda permezz ta' sekwenza ta' azzjonijiet li għandhom isiru mis-sewwieq;
  - (b) ma' kull attivazzjoni tal-iswiċċ ta' kontrolli prinċipali tal-vettura, is-sistemi għandhom ikunu fil-modalità tat-tħaddim normali;
  - (c) għandu jkun possibbli li t-twissijiet akustiċi jitwaqqfu faċilment, iżda din l-azzjoni ma għandhiex twaqqaf fl-istess ħin funzjonijiet oħrajn tas-sistema minbarra t-twissijiet akustiċi;
  - (d) għandu jkun possibbli li s-sewwieq jieħu l-kontroll fuq it-tali sistemi.
5. Il-vetturi tal-kategoriji  $M_2$ ,  $M_3$ ,  $N_2$  u  $N_3$  għandhom ikunu ddisinjati u kostrutti biex itejbu l-viżibbiltà diretta tal-utenti vulnerabbli tat-triq mis-sit tas-sewwieq, billi jitnaqqsu kemm jista' jkun il-punti moħbija quddiem u maġenb is-sewwieq, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet tad-diversi kategoriji ta' vetturi.
6. Il-vetturi tal-kategoriji  $M_2$  u  $M_3$  b'kapaċità ta' iktar minn 22 passiġġier minbarra x-xufier, u li huma kostrutti b'żoni għal passiġġieri bilwieqfa biex jippermettu l-moviment frekwenti tal-passiġġieri, għandhom ikunu ddisinjati u kostrutti biex ikunu aċċessibbli għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, inkluż l-utenti tas-siġġijiet tar-roti.

7. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta dispożizzjonijiet dwar proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi għal:

- (a) l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi fir-rigward tar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi minn 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu;
- (b) l-approvazzjoni tat-tip tas-sistemi msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu bħala unitajiet tekniċi separati.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(2).

Meta dawk l-atti ta' implimentazzjoni jirrigwardaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiġu ppubblikati mill-inqas 15-il xahar qabel id-dati applikabbli speċifikati fl-Anness II.

Meta dawk l-atti ta' implimentazzjoni jirrigwardaw ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiġu ppubblikati mill-inqas 36 xahar qabel id-dati applikabbli speċifikati fl-Anness II.

#### Artikolu 10

##### **Rekwiżiti speċifiċi marbutin mal-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu**

1. Minbarra r-rekwiżiti l-oħra ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni adottati skontu li japplikaw ukoll għall-vetturi tal-kategoriji M u N, il-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu ta' dawk il-kategoriji, is-sistemi tal-idroġenu tagħhom u l-komponenti ta' tali sistemi għandhom jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

2. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li s-sistemi tal-idroġenu u l-komponenti tal-idroġenu jiġu installati skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3. Barra minn hekk, il-manifatturi għandhom jagħmlu disponibbli, jekk meħtieġ, informazzjoni għall-finijiet tal-ispezzjoni tas-sistemi u tal-komponenti tal-idroġenu matul il-ħajja operattiva tal-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu.

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tadotta dispożizzjonijiet rigward proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu fir-rigward tas-sistemi tal-idroġenu tagħhom, inklużi dawk fir-rigward tal-kompatibbiltà mal-materjali u r-riċipjent tal-alimentazzjoni tal-karburant, kif ukoll għall-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-idroġenu, inkluż rekwiżiti għall-installazzjoni tagħhom.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(2). Għandhom jiġu ppubblikati mill-inqas 15-il xahar qabel id-dati applikabbli speċifikati fl-Anness II.

#### Artikolu 11

##### **Rekwiżiti speċifiċi marbutin mal-vetturi awtomatizzati u vetturi kompletament awtomatizzati**

1. Minbarra r-rekwiżiti l-oħra ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni adottati skontu li japplikaw ukoll għall-vetturi tal-kategoriji rispettivi, il-vetturi awtomatizzati u l-vetturi kompletament awtomatizzati għandhom jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 li jirrigwardaw is-segwenti:

- (a) sistemi li jieħdu l-kontroll tal-vettura flok is-sewwieq, inkluż is-sinjalar, l-istering, l-aċċellerazzjoni u l-ibbrejkar;
- (b) sistemi li jipprovdu l-vettura b'informazzjoni f'ħin reali dwar il-qagħda tal-vettura u l-madwar;
- (c) sistemi għall-monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-sewwieq;
- (d) reġistraturi tad-data f'każ ta' avveniment għall-vetturi awtomatizzati;
- (e) format armonizzat għall-iskambju ta' data, pereżempju għall-platooning ta' vetturi ta' ditti differenti;
- (f) sistemi biex jipprovdu informazzjoni dwar is-sikurezza lill-utenti l-oħra tat-triq.

Madankollu, dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar is-sistemi għall-monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-sewwieq imsemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, m'għandhomx japplikaw għal vetturi kompletament awtomatizzati.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tadotta dispożizzjonijiet rigward proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistemi u elementi oħra elenkati fil-punti minn (a) sa (f) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi awtomatizzati u tal-vetturi kompletament awtomatizzati fir-rigward ta' dawk is-sistemi u elementi oħra sabiex jiġi żgurat it-tħaddim sikur ta' vetturi awtomatizzati u kompletament awtomatizzati fit-toroq pubbliċi.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(2).

### KAPITOLU III

#### DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

##### Artikolu 12

##### Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(3) u (6) u l-Artikolu 6(6) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill-5 ta' Jannar 2020. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħat mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.
3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 4(3) u (6) u l-Artikolu 6(6) jistgħu jiġu rrevokati fi kwalunkwe waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interstituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(3) u (6) u l-Artikolu 6(6) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

##### Artikolu 13

##### Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur (TCMV). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
  2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

##### Artikolu 14

##### Rieżami u rapportar

1. Sas-7 ta' Lulju 2027 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport ta' evalwazzjoni quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-kisbiet tal-miżuri u s-sistemi relatati mas-sikurezza, inklużi r-rati ta' penetrazzjoni tagħhom u l-konvenjenza għall-utent. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga jekk dawk il-miżuri u s-sistemi relatati mas-sikurezza jaġixxux kif maħsub minn dan ir-Regolament. Fejn ikun xieraq, dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn

rakkomandazzjonijiet, inkluża proposta leġislattiva biex jiġu emendati r-rekwiżiti dwar is-sikurezza ġenerali u l-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u tal-utenti vulnerabbli tat-triq, sabiex jitnaqqsu ulterjorment jew jiġu eliminati l-aċċidenti u l-korrimenti fit-trasport bit-triq.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-affidabbiltà u l-effiċjenza ta' sistemi ġodda ta' assistenza intelliġenti tal-veloċità u r-rata ta' preċiżjoni u ta' żball ta' sistemi bħal dawn f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali. Fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġislattiva.

2. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, għas-sena preċedenti, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-attivitajiet tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP.29) tan-NU/KEE rigward il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-istandards tas-sikurezza tal-vetturi fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11 u rigward il-pożizzjoni tal-Unjoni relatata ma' dawn il-kwistjonijiet.

#### Artikolu 15

### Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Dan ir-Regolament ma għandu jinvalida l-ebda approvazzjoni tat-tip tal-UE mogħtija lil vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, li jkunu ngħataw skont ir-Regolament (KE) Nru 78/2009, ir-Regolament (KE) Nru 79/2009 jew ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħhom, sal-5 ta' Lulju 2022, għajr jekk ir-rekwiżiti rilevanti li japplikaw għal tali vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati jkunu ġew immodifikati, jew jekk ikunu żdiedu rekwiżiti ġodda, minn dan ir-Regolament u l-atti delegati adottati skontu, kif inhu speċifikat iktar fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom ikomplu jagħtu estensjonijiet tal-approvazzjonijiet tat-tip imsemmija fil-paragrafu 1.

3. B'deroga minn dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom ikomplu jippermettu, sad-dati speċifikati fl-Anness IV, ir-reġistrazzjoni ta' vetturi, kif ukoll il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' komponenti, li mhumiex konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 117.

#### Artikolu 16

### Dati tal-implimentazzjoni

Fir-rigward tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom:

- b'seħħ mid-dati speċifikati fl-Anness II, fir-rigward ta' rekwiżit partikolari elenkat f'dak l-Anness, jiċħdu, għal raġunijiet marbutin ma' dak ir-rekwiżit, l-għoti ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE jew ta' approvazzjoni tat-tip nazzjonali lil kwalunkwe tip ġdid ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni adottati skontu;
- b'seħħ mid-dati speċifikati fl-Anness II, fir-rigward ta' rekwiżit partikolari elenkat f'dak l-Anness, iqisu, għal raġunijiet marbutin ma' dak ir-rekwiżiti, ċertifikati tal-konformità fir-rigward ta' vetturi ġodda bħala mhux validi iktar għall-finijiet tal-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2018/858, u jipprojbixxu r-reġistrazzjoni ta' tali vetturi, jekk dawk il-vetturi ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni adottati skontu;
- b'seħħ mid-dati speċifikati fl-Anness II, fir-rigward ta' rekwiżit partikolari elenkat f'dak l-Anness, jipprojbixxu, għal raġunijiet marbutin ma' dak ir-rekwiżit, it-tqegħid fis-suq jew id-dħul fis-servizz ta' komponenti u ta' unitajiet tekniċi separati, fejn dawn ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni adottati skontu.

#### Artikolu 17

### Emendi fir-Regolament (UE) 2018/858

L-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 huwa emendat skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament.



*Artikolu 18***Tħassir**

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009, u r-Regolamenti (KE) 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 huma b'dan imħassra, b'effett mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
2. Ir-referenzi għar-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 għandhom jinftiehm u bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 19***Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-6 ta' Lulju 2022.

Madankollu, l-Artikolu 4(3), (6) u (7), l-Artikolu 5(4), l-Artikolu 6(6), l-Artikolu 7(6), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 9(7), l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 11(2) u l-Artikoli 12 u 13 għandhom japplikaw mill-5 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg, is-27 ta' Novembru 2019.

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*  
D. M. SASSOLI

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
T. TUPPURAINEN

## Lista tar-Regolamenti tan-NU msemmija fl-Artikolu 4(2)

Numru tar-Regolament tan-NU	Suġġett	Serje ta' emendi ppubblikati fil-ĠU	Referenza tal-ĠU	Ambitu kopert bir-Regolament tan-NU
1	Fanali ta' quddiem li jitfgħu raġġ ta' dawl baxx u/jew raġġ ta' dawl tas-sewqan asimmetriku mgħammra b'bozoz bil-filament tal-kategorija R2 u/jew HS1	Serje ta' emendi 02	ĠU L 177, 10.7.2010, p. 1	M, N <sup>(e)</sup>
3	Tagħmir retroriflettiv għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom.	Serje ta' emendi 02	ĠU L 323, 6.12.2011, p. 1	M, N, O
4	Illuminazzjoni tal-pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' wara għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 4, 7.1.2012, p. 17	M, N, O
6	Indikaturi tad-direzzjoni għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom	Serje ta' emendi 01	ĠU L 213, 18.7.2014, p. 1	M, N, O
7	Fanali ta' quddiem u ta' wara (ta' mal-ġnub), fanali tal-waqfien u fanali li jimmarkaw il-kontorn tat-tarf għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom	Serje ta' emendi 02	ĠU L 285, 30.9.2014, p. 1	M, N, O
Numru tar-Regolament tan-NU	Suġġett	Serje ta' emendi ppubblikati fil-ĠU	Referenza tal-ĠU	Ambitu kopert bir-Regolament tan-NU
8	Fanali ta' quddiem tal-vetturi bil-mutur (H1, H2, H3, HB3, HB4, H7, H8, H9, HIR1, HIR2 u/jew H11)	Serje ta' emendi 05, Rettifika 1 għar-Reviżjoni 4	ĠU L 177, 10.7.2010, p. 71	M, N <sup>(e)</sup>
10	Kompatibbiltà elettromanjetika	Serje ta' emendi 05	ĠU L 41, 17.2.2017, p. 1	M, N, O
11	Lukketti tal-bibien u komponenti għaż-żamma tal-bibien	Serje ta' emendi 04	ĠU L 218, 21.8.2019, p. 1	M <sub>1</sub> , N <sub>1</sub>
12	Protezzjoni tas-sewwieq kontra l-mekkaniżmu tal-istering f'każ ta' impatt	Serje ta' emendi 04	ĠU L 89, 27.3.2013, p. 1	M <sub>1</sub> , N <sub>1</sub>
13	Ibbrekjar tal-vetturi u t-trejlers	Serje ta' emendi 11	ĠU L 42, 18.2.2016, p. 1	M <sub>2</sub> , M <sub>3</sub> , N, O <sup>(e)</sup>
13-H	Ibbrekjar tal-karozzi tal-passiġġieri	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 335, 22.12.2015, p. 1	M <sub>1</sub> , N <sub>1</sub>
14	Ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza	Serje ta' emendi 07	ĠU L 218, 19.8.2015, p. 27	M, N
16	Ċinturini tas-sikurezza, sistemi ta' trażżin, sistemi ta' trażżin għat-tfal u sistemi ta' trażżin għat-tfal ISOFIX	Serje ta' emendi 07	ĠU L 109, 27.4.2018, p. 1	M, N
17	Seats, l-ankraġġi tagħhom u kwalunkwe trażżin għar-ras (headrests)	Serje ta' emendi 08	ĠU L 230, 31.8.2010, p. 81	M, N
18	Protezzjoni tal-vetturi bil-mutur kontra użu mhux awtorizzat	Serje ta' emendi 03	ĠU L 120, 13.5.2010, p. 29	M <sub>2</sub> , M <sub>3</sub> , N <sub>2</sub> , N <sub>3</sub>
19	Fanali ta' quddiem ta' kontra ċ-ċpar għall-vetturi bil-mutur	Serje ta' emendi 04	ĠU L 250, 22.8.2014, p. 1	M, N
20	Fanali ta' quddiem li jitfgħu raġġ baxx jew raġġ tas-sewqan asimmetriku jew it-tnejn li huma, mgħammra b'bozoz bil-filament bl-aloġenu (Fanali H4)	Serje ta' emendi 03	ĠU L 177, 10.7.2010, p. 170	M, N <sup>(e)</sup>
21	Fittings tal-intern	Serje ta' emendi 01	ĠU L 188, 16.7.2008, p. 32	M <sub>1</sub>

Numru tar-Regolament tan-NU	Suġġett	Serje ta' emendi ppubblikati fil-ĠU	Referenza tal-ĠU	Ambitu kopert bir-Regolament tan-NU
23	Fanali tar-rivers u tal-manuvrar għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 237, 8.8.2014, p. 1	M, N, O
25	Trażżin għar-ras (headrests), inkorporat fis-seats tal-vettura jew mhux	Serje ta' emendi 04, Rettifika 2 għar-Reviżjoni 1	ĠU L 215, 14.8.2010, p. 1	M <sub>1</sub>
25	Trażżin għar-ras (headrests), inkorporat fis-seats tal-vettura jew mhux	Serje ta' emendi 04, Rettifika 2 għar-Reviżjoni 1	ĠU L 215, 14.8.2010, p. 1	M <sub>1</sub>
26	Projezzjonijiet esterni	Serje ta' emendi 03	ĠU L 215, 14.8.2010, p. 27	M <sub>1</sub>
28	Tagħmir li jinstema u sinjali ta' twissija li jinstemgħu	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 323, 6.12.2011, p. 33	M, N
29	Protezzjoni tal-okkupanti tal-kabina ta' vettura kummerċjali	Serje ta' emendi 03	ĠU L 304, 20.11.2010, p. 21	N
30	Tajers pnevmatiċi għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom (Klassi C1)	Serje ta' emendi 02	ĠU L 307, 23.11.2011, p. 1	M, N, O
31	Fanali ta' quddiem issiġillati ta' vetturi bil-mutur (SB) li jitfgħu raġġ baxx jew raġġ tas-sewqan asimmetriku Ewropew jew it-tnejn	Serje ta' emendi 02	ĠU L 185, 17.7.2010, p. 15	M, N
34	Prevenzjoni tar-riskji tan-nar (tankijiet tal-karburant likwidu)	Serje ta' emendi 03	ĠU L 231, 26.8.2016, p. 41	M, N, O
37	Bozoz bil-filament għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom	Serje ta' emendi 03	ĠU L 213, 18.7.2014, p. 36	M, N, O
38	Fanali taċ-ċpar ta' wara għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 4, 7.1.2012, p. 20	M, N, O
39	Tagħmir tal-ispidometru u odometru inkluż l-installazzjoni tiegħu	Serje ta' emendi 01	ĠU L -302, 28.11.2018, p. 106	M, N
43	Materjali tal-ħġieġ tas-sigurtà u l-installazzjoni tagħhom fuq il-vetturi	Serje ta' emendi 01	ĠU L 42, 12.2.2014, p. 1	M, N, O
44	Tagħmir tat-trażżin għall-okkupanti tfal tal-vetturi bil-mutur ("sistema ta' trażżin għat-tfal")	Serje ta' emendi 04	ĠU L 265, 30.9.2016, p. 1	M, N
45	Naddafa tal-fanali ta' quddiem	Serje ta' emendi 01		M, N
46	Tagħmir għal viżjoni indiretta u l-installazzjoni tiegħu	Serje ta' emendi 04	ĠU L 237, 8.8.2014, p. 24	M, N
48	Installazzjoni ta' dawl u tagħmir ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq il-vetturi bil-mutur	Serje ta' emendi 06	ĠU L 14, 16.1.2019, p. 42	M, N, O (°)
54	Tajers pnevmatiċi għall-vetturi kummerċjali u t-trejlers tagħhom (Klassijiet C2 u C3)	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 307, 23.11.2011, p. 2	M, N, O
55	Komponenti ta' gganċjar mekkaniku ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi	Serje ta' emendi 01	ĠU L 153, 15.6.2018, p. 179	M, N, O (°)
58	Tagħmir ta' protezzjoni ta' wara kontra l-underrun (RUPDs) u l-installazzjoni tiegħu; Protezzjoni ta' wara kontra l-underrun (RUP)	Serje ta' emendi 03	ĠU L 49, 20.2.2019, p. 1	M, N, O
61	Vetturi kummerċjali fir-rigward tal-projezzjonijiet esterni tagħhom fuq quddiem tal-pannell ta' wara tal-kabina	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 164, 30.6.2010, p. 1	N

Numru tar-Regolament tan-NU	Suġġett	Serje ta' emendi ppubblikati fil-ĠU	Referenza tal-ĠU	Ambitu kopert bir-Regolament tan-NU
64	Unità ta' riżerva għal użu temporanju, tajers/sistema run-flat (u sistema ta' monitoraġġ tal-pressure tat-tajers)	Serje ta' emendi 02	ĠU L 310, 26.11.2010, p. 18	M <sub>1</sub> , N <sub>1</sub>
66	Qawwa tas-sovrastruttura ta' vetturi kbar tal-passiġġieri	Serje ta' emendi 02	ĠU L 84, 30.3.2011, p. 1	M <sub>2</sub> , M <sub>3</sub>
67	Vetturi bil-mutur li jużaw l-LPG	Serje ta' emendi 01	ĠU L 285, 20.10.2016, p. 1	M, N
73	Tagħmir ta' protezzjoni laterali tal-vetturi tal-merkanzija	Serje ta' emendi 01	ĠU L 122, 8.5.2012, p. 1	N <sub>2</sub> , N <sub>3</sub> , O <sub>3</sub> , O <sub>4</sub>
77	Fanali tal-ipparkjar għall-vetturi bil-mutur	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 4, 7.1.2012, p. 21	M, N
79	Tagħmir tal-istering	Serje ta' emendi 03,	ĠU L 318, 14.12.2018, p. 1	M, N, O
80	Seats tal-vetturi kbar tal-passiġġieri	Serje ta' emendi 03	ĠU L 226, 24.8.2013, p. 20	M <sub>2</sub> , M <sub>3</sub>
87	Fanali għal binhar għall-vetturi bil-mutur	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 4, 7.1.2012, p. 24	M, N
89	Tagħmir li jillimita l-veloċità u tagħmir aġġustabbli għall-limitazzjoni tal-veloċità	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 4, 7.1.2012, p. 25	M, N <sup>(4)</sup>
90	Assemblaġġi tal-firrodu ta' sostituzzjoni tal-brejkijiet, firrodu tal-brejkijiet għamla ta' tanbur u diski u ttabarġħall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom	Serje ta' emendi 02	ĠU L 290, 16.11.2018, p. 54	M, N, O
91	Fanali li jimmarkaw il-ġnub għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 4, 7.1.2012, p. 27	M, N, O
93	Tagħmir ta' protezzjoni ta' quddiem kontra l-underrun (FUPDs) u l-installazzjoni tiegħu; protezzjoni ta' quddiem kontra l-underrun (FUP)	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 185, 17.7.2010, p. 56	N <sub>2</sub> , N <sub>3</sub>
94	Protezzjoni tal-okkupanti f'każ ta' ħabta frontali	Serje ta' emendi 03	ĠU L 35, 8.2.2018, p. 1	M <sub>1</sub>
95	Protezzjoni tal-okkupanti f'każ ta' ħabta laterali	Serje ta' emendi 03	ĠU L 183, 10.7.2015, p. 91	M <sub>1</sub> , N <sub>1</sub>
97	Sistemi ta' allarm għall-vetturi (VAS - Vehicle Alarm Systems)	Serje ta' emendi 01	ĠU L 122, 8.5.2012, p. 19	M <sub>1</sub> , N <sub>1</sub> <sup>(5)</sup>
98	Fanali ta' quddiem tal-vetturi bil-mutur mġammra b'sorsi ta' dawl bi skarika f'gass	Serje ta' emendi 01	ĠU L 176, 14.6.2014, p. 64	M, N
99	Sorsi ta' dawl bi skarika f'gass għall-użu f'unitajiet ta' fanali bi skarika f'gass approvati tal-vetturi bil-mutur	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 320, 17.12.2018, p. 45	M, N
100	Sikurezza elettrika	Serje ta' emendi 02	ĠU L 302, 28.11.2018, p. 114	M, N
102	Mekkaniżmu tal-igganċjar mill-qrib (CCD); twaħħil ta' tip approvat ta' CCD	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 351, 30.12.2008, p. 44	N <sub>2</sub> , N <sub>3</sub> , O <sub>3</sub> , O <sub>4</sub>
104	Marki retroriflettivi (vetturi heavy-duty u twal)	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 75, 14.3.2014, p. 29	M <sub>2</sub> , M <sub>3</sub> , N, O <sub>2</sub> , O <sub>3</sub> , O <sub>4</sub>

Numru tar-Regolament tan-NU	Suġġett	Serje ta' emendi ppubblikati fil-ĠU	Referenza tal-ĠU	Ambitu kopert bir-Regolament tan-NU
105	Vetturi għat-trasport ta' merkanzija perikoluża	Serje ta' emendi 05	ĠU L 4, 7.1.2012, p. 30	N,O
107	Kostruzzjoni ġenerali tal-kategorija tal-vetturi M2 u M3	Serje ta' emendi 07	ĠU L 52, 23.2.2018, p. 1	M <sub>2</sub> , M <sub>3</sub>
108	Tajers pnevmatiċi mogħtija tread ġdid għall-karozzi tal-passiġġeri u t-trejlers tagħhom	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 181, 4.7.2006, p. 1	M <sub>1</sub> , O <sub>1</sub> , O <sub>2</sub>
109	Tajers pnevmatiċi mogħtija tread ġdid għall-karozzi kummerċjali u t-trejlers tagħhom	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 181, 4.7.2006, p. 1	M <sub>2</sub> , M <sub>3</sub> , N, O <sub>3</sub> , O <sub>4</sub>
110	Komponenti speċifiċi għas-CNG u għal-LNG	Serje ta' emendi 01	ĠU L 166, 30.6.2015, p. 1	M, N
112	Fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jifgħu raġġ baxx jew raġġ tas-sewqan asimmetriku jew it-tnejn li huma, u mgħammra b'bozoz tal-filament u/jew moduli LED	Serje ta' emendi 01	ĠU L 250, 22.8.2014, p. 67	M, N
114	Sistemi ta' Airbag ta' sostituzzjoni	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 373, 27.12.2006, p. 272	M <sub>1</sub> , N <sub>1</sub>
115	Sistemi ta' modifika retroattiva għal-LPG u s-CNG	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 323, 7.11.2014, p. 91	M, N
116	Protezzjoni tal-vetturi bil-mutur kontra użu mhux awtorizzat	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 45, 16.2.2012, p. 1	M <sub>1</sub> , N <sub>1</sub> (e)
117	Tajers fir-rigward ta' emissjonijiet tal-ħsejjes tad-dawrien, adeżjoni fuq uċuħ imxarriba u reżistenza għad-dawrien (Klassijiet C1, C2 u C3)	Serje ta' emendi 02	ĠU L 218, 12.8.2016, p. 1	M, N, O
118	Reżistenza għan-nar tal-materjal intern tax-xarabanks	Serje ta' emendi 02	ĠU L 102, 21.4.2015, p.67	M <sub>3</sub>
119	Fanali għall-kantunieri	Serje ta' emendi 01	ĠU L 89, 25.3.2014, p. 101	M, N
121	Lokalizzazzjoni u identifikazzjoni tal-kontrolli manwali, tal-indikaturi operatorji u tal-indikaturi	Serje ta' emendi 01	ĠU L 5, 8.1.2016, p. 9	M, N
122	Sistemi tat-tiħin tal-vetturi	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 164, 30.6.2010, p. 231	M, N, O
123	Sistemi adattivi tad-dwal ta' quddiem (AFS) għall-vetturi bil-mutur	Serje ta' emendi 01	ĠU L 49, 20.2.2019, p. 24	M, N
